**A.L. 20 ta' l-2000**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St.**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1995 jew wara.

**Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fl-ebda każ il-Bord ma għandu jħalli kandidat itemm il-kors ta' l-istudji tiegħu f'perijodu itwal minn erba' snin. F'ċirkostanzi speċjali, is-Senat jista' jagħti estensjoni oħra ta' sena, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."